MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2008

Numru 313/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Raymond Cassar)**
**vs**
**Logan Wood**

**Kawza. Nru. 313/05**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Logan Wood** ta’ 21 sena, bin Ronald u Victoria nee’ Zammit, imwieled Pieta’ fit-23 ta’ Novembru, 1983, residenti fil-fond numru 32, Flt 2, Long View Flats, Triq in-Nahar, Mellieha u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 001384M;

Akkuzat talli:

Nhar id-9 ta' Jannar, 2005, ghall-habta tas-siegha u kwart ta' wara nofsinhar fi Triq Dawret it-Tunnara, fl-Ghadira, limiti tal-Mellieha, waqt li kont qieghed issuq vettura tat-tip BMW bin-numru tar-registrazzjoni EAO 651, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b'sewqan u/jew b'nuqqas ta' hila fis-sewqan, u/jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkagunajt feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Terrance Gatt skond kif iccertifika Dr. Alan Drago M.D;

u aktar talli fl-istess jum u fil-granet ta' qabel f'dawn il-gzejjer soqt l-istess vettura meta ma kontx kopert b'polza tas-sigurta' dwar riskju ta' terzi persuni;

u aktar talli nqast li zzomm l-istess vettura fi stat tajjeb ta' tiswija.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tiskwalifikah minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien li l-Onorabbli Qorti ssib xieraq.

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija dwar incident stradali bejn vettura misjuqa mill-imputat u l-minuri Terrence Gatt li kien qed isuq bicycle. L-imputat kien qed isuq vettura fi Triq Dawret it-Tunnara, l-Ghadira, limiti tal-Melieha. Din il-vettura kienet wahda mizmuma fi stat mhux daqstant felici mill-aspett estetiku. Mill-aspett mekkaniku kellha difett fil-brakes peress illi dawn ma kienux jorbtu mill-ewwel u kien jehtieg li tippompja l-pedala diversi drabi biex jahdmu sew. L-imputat kien ghadu kemm akkwista din il-vettura gimgha qabel u qal li kien qed isuqha lejn garage biex jirrangaha . Minn triq fuq ix-xellug tal-imputat tfacca tfajjel ta' tnax-il sena riekeb il-bicycle ta' ohtu u din ukoll kellha brakijiet

difettuzi. Din it-triq kienet wahda wieqfa hafna, ta' importanza minuri fil-konfront ta' dik li fuqha kien l-imputat.

Xhud li kien qieghed fil-gallarija tar-residenza tieghu, Thorbjorn Boldsen, qal li f'dak il-hin ra l-vettura tavvicina l-kantuniera u fl-istess waqt ra tifel niezel in-nizla fuq bicycle appena dahal fit-triq minn fejn kien gej l-imputat. Fl-istess waqt semgha l-brakes tal-vettura u ra lit-tifel jiggenneb lejn il-hajt li hemm fuq in-naha tal-lemin tat-triq, habat mal-genb tax-xellug tal-vettura, laqat il-mera, ghola xi metru u nofs fl-ajru u spicca f'nofs it-triq fejn instab id-demm.

Antonio Borg li kien riekeb mal-imputat qal li malli waslu fis-side street jara tifel fuq rota gej fuq il-vettura taghhom u habat mal-genb tal-istess vettura. "..nghid illi huwa [it-tifel] kien niezel mhux hazin". L-ewwel li ra lit-tifel kien meta mess mal-karozza u ma kienx rah niezel din in-nizla li hija ostakolata bil-bini. Jghid ukoll li l-imputat kien qed isuq b'madwar 40 k.f.s

L-imputat xehed li dan it-tifel tfacca f'daqqa wahda min-nizla u meta kien xi zewg piedi 'l boghod gibed il-vettura lejn il-lemin tat-triq pero' t-tifel xorta wahda baqa' diehel fil-vettura. Huwa ghafas il-brake appena t-tifel habat mal-vettura.

Illi konsegwenza ta' dan l-incident l-minuri sofra griehi konsistenti fi ksur ta' l-ewwel rukkell ta' ghonqu, ksur fin-naha tal-lemin ta' rasu u tbengila gewwa l-mohh fuq in-naha tal-lemin. Dawn il-griehi huma ta' natura gravi per durata minkejja li dan ma kienx inkluz fl-akkuza odjera.

Ikkonsidrat inoltre illi f'kawzi ta' din in-natura jehtieg li jkun ezaminat il-kawza prossima tal-kollizzjoni u sabiex ikun accertat dan, jehtieg li jkun mistharreg x'kienet ir-reazzjoni tas-sewwieqa involuti meta raw lil xulxin. F'dan ir-rigward, it-tifel ma jiftakar xejn mill-incident. L-imputat jghid li l-ewwel darba li ra lit-tifel kien appena zewg piedi qabel dahal fil-genb tal-vettura tieghu. Din, izda, ma tirrispekkjax il-prova forensika ghaliex fl-iskizz redatt mill-AIC Valerio Schembri, jirrizulta brake marks kontinwi tul

ta’ cirka 42 metru fuq mir-roti tal-lemin tal-vettura u huwa evidenti li il-brake kien applikat madwar 14-il metru qabel l-impatt. Dan ihalli vojt inspjegabbli ghall-imputat. Mill-brake marks huwa evidenti ukoll illi l-imputat ghamel manuvra ta’ evazjoni billi kiser fuq il-lemin tieghu. Minn naha tat-tifel, dan certament kien niezel bi speed u ma waqafx fl-inkrocju kif kellu dover jaghmel, anzi, mix-xhieda okulari jirrizulta li baqa’ hiereg bi speed fuq it-triq aktar principali u wara rrizulta li ma kellux brakes tajbin.

Huwa principju akkolt fid-dottrina u l-gurisprudenza taghna illi huwa l-obbligu tas-sewwieq li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhalma huma l-hin, il-vizwali, il-piz tal-vettura u l-istat tal-art. Fil-kaz in dizamina l-incident sehh f’inhawi ta’ villegjaturi fejn f’dik il-parti tas-sena, kif jirrizulta mill-atti, ma tantx ikun hemm nies residenti. Il-vizwali kienet tajba sia ghaliex kienu ghandhom appena wara nofsinahar kif ukoll ghaliex it-triq hija pjuttost dritta u ma kienx hemm vetturi ipparkjati. Fir-rigward tal-vettura misjuqa, l-fatt illi din ma kellhiex brakes jiffunzjonaw tajjeb, ghandu jitfa’ oneru fuq is-sewwieq li qal li l-vettura kienet ilha ghandu madwar gimgha. Il-Qorti ghandha dubju kemm l-imputat kien qed isuq b’velocita’ ta’ madwar 40 k.f.s ghaliex dan hu speed relattivament baxx u facli twaqqaf vettura b’dak l-ispeed f’distanza ta’ 14-il metru jekk il-brakes ikunu qed jahdmu sew. Mir-ritratti esebiti, it-triq hija wahda f’kundizzjoni tajba tat-tarmak u ghalhekk ma kienet ta ebda ostakolu ghal sewqan tajjeb da parti tal-imputat.

Jibqa’ pero’ l-fatt illi dan it-tifel nizel bi speed ghal fuq l-inkrocju u kien hu li dahal fil-vettura tal-imputat. In effetti, li kieku t-tifel tfacca anke sekonda qabel, l-incident kien ikollu konsegwenzi ferm aktar gravi ghaliex kien jispicca quddiem il-vettura. Il-kawza prossima tal-incident huwa indubjament it-tifel minhabba s-sewqan b’mod inkontrollat bil-bicycle tieghu. Izda huwa principju akkolt ukoll mill-gurisprudenza taghna illi l-utenti tal-triq irid ikun lest ghal kollox u ghalhekk hu tenut li jzomm “a proper and careful lookout”. F’dan ir-rigward l-Qorti l-imputat kellu joqghod attent ghal dak li huwa in “plain view”. Speed in eccess bil-fors ser jimmina mid-dover li tesplora t-triq b’mod

adegwat izda dan it-tifel hareg b'mod skorrett ghal fuq it-triq.  Il-problema tal-brakes hija wahda komuni ghaz-zewg sewwieqa. Kif fuq konsidrat, is-sewwieq lemah lit-tifel ferm qabel ma laqtu izda kellu problema dublici biex jirrizolvi f'dak il-mument, u cioe' li l-brakes mhux biss ma kienux jahdmu sew talli dak ta' fuq ix-xellug ma bediex jahdem hlief proprju mal-impatt fil-waqt li dak tal-lemin hadem madwar 14-il metru qabel u dan jikkawza problema ta' stabilita' tal-vettura li f'dak il-mument huwa piz zejjed fuq is-sewwieq aktar u aktar meta jara persuna fuq rota gejja ghal fuqu.  Minkejja dan, il-gurisprudenza ma tqis li dan huwa sewqan negligenti jew traskurat izda sewqan li ghalih l-imputat ghandu jwiegeb ghan-nuqqas kontravenzjonali ghal kull aspett fejn il-vettura tieghu, jew is-sewqan tieghu mhumiex konformi mal-ligi.  Fil-fehma tal-Qorti, u b'mod divers minn dak li jista' jirrizulta fi proceduri civili, l-azzjoni jew inazzjoni tal-imputat, skond ic-cirkostanzi, mhix wahda ta' indoli kriminali.

Illi l-prosekuzzjoni pruvat fil-grad rikjest mil-ligi illi l-imputat kien qed isuq vettura minghajr polza ta' assikurazzjoni li tkopri lilu bhala sewwieq;

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel akkuza u tilliberah minnha. Issibu hati tat-tieni u t-tielet akkuza,

Rat l-artikoli 3 tal-Kap 104  u 126  tal-A.L. 128/94.

Tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' Euro 2800 fuq it-tieni akkuza u hlas ta' ammenda ta' Euro 58 fuq it-tielet akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------